# EMIR / MiFID – Definition of financial instruments
# (EUR-lex : 32004L0039 – Maltese)

© European Union, http://new.eur-lex.europa.eu/

For more information visit http://www.emir-ate.com

Istrumenti Finanzjarji

~~(1) It-titoli trasferibbli ta' sigurta;~~

~~(2) L-istrumenti tas-suq tal-flus;~~

~~(3) L-unitajiet fl-investiment kollettiv ta' l-impriżi;~~

(4) Il-għażliet, ix-xiri bil-prezz miftiehem imma mħallas wara, it-tpartit, il-ftehimijiet b'rata bil-quddiem u kull kuntratt ieħor tad-derivattivi li għandu x'jaqsam mat-titoli, ir-rati jew ir-riżultat tal-produzzjoni ta' l-imgħax, jew strumenti oħra tad-derivattivi, indiċijiet finanzjarji jew miżuri finanzjarji li jistgħu jiġu solvuti b'mod fiżiku jew fi flus fil-pront;

(5) Il-għażliet, ix-xiri bi prezz miftiehem imma mħallas bil-quddiem, il-ftehimijiet tar-rata bil-quddiem u kull kuntratt ta' derivattivi li jkollu x'jaqsam mal-merkanzija li jrid jiġi solvut fi flus fil-pront_jew fi flus fil-pront fuq il-għażla ta' waħda mill-partijiet (inkella milli minħabba kontumaċja jew ġrajja ta' terminazzjoni);

(6) Il-għażliet, ix-xiri bil-prezz miftiehem imma mħallas wara, it-tpartit u kull kuntratt ieħor ta' derivattivi li jkollu x'jaqsam mal-merkanzija li jkunu jistgħu jiġu solvuti b'mod fiżiku, sakemm ikunu ikkummerċjati f'suq irregolat u/jew MTF;

(7) Il-għażliet, ix-xiri bil-prezz miftiehem imma mħallas wara, it-tpartit, il-għoti bil-quddiem u kull kuntratt ieħor ta' derivattivi li jkollu x'jaqsam mal-merkanzija, li jkunu jistgħu jiġu solvuti b'mod fiżiku mhux imsemmi xorta oħra fiċ-Ċ.6 u li ma jkunux għal għanijiet kummerċjali, li jkollhom il-karatteristiċi ta' strumenti finanzjarji oħra ta' derivattivi, filwaqt li jitqies, fost ħwejjeġ oħra, li jiġu kklerjati u solvuti permezz ta' l-uffiċċji kkonoxxuti tal-clearance jew ikunu bla ħsara għas-sejħiet regolari tal-marġini.

(8) L-istrumenti tad-derivattivi għat-trasferiment tar-riskju tal-kreditu;

(9) Il-kuntratti finanzjarji għad-differenzi.

(10) Il-għażliet, ix-xiri bil-prezz miftiehem imma mħallas wara, it-tpartit, il-ftehimijiet tar-rati bil-quddiem u kull kuntratt ieħor ta' derivattivi li jkollhom x'jaqsmu ml-varjanti klimatiċi, ir-rati tal-ġarr tal-merkanzija, il-konċessjonijiet dwar l-emissjonijiet jew ir-rati ta' l-inflazzjoni jew statistiċi ekonomiċi oħra uffiċjali li jridu jiġu solvuti fi flus fil-pront jew jistgħu jiġu solvuti fi flus fil-pront fuq il-għażla ta' waħda mill-partijiet (inkella minħabba kontumaċja jew grajja oħra ta' terminazzjoni), kif ukoll kull kuntratt ta' derivattivi li jkolli x'jaqsam ma' l-attivi, id-drittijiet, l-obbligi, l-indiċijiet jew il-miżuri mhux imsemmija xorta oħra f'din it-Taqsima, li jkollhom il-karatteristiċi ta' strumenti finanzjarji oħra ta' derivattivi, filwaqt li jitqies jekk, fost ħwejjeġ oħra jiġux ikkummerċjati f'suq irregolat jew MTF, jiġux ikklerjati u solvuti permezz ta' uffiċċji kkonoxxuti tal-clearance jew ikunu bla ħsara għal sejħiet regolari tal-marġini.